**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 8 - IT-TNEJN, 7 TA' FRAR 2011

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* (wasal fis-6:15pm) |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li wara l-laqgħa li kien hemm dwar is-sigurtà fuq il-*playing fields* mill-*Malta Standards Authority* kienet ingħatat il-parir li l-apparat tal-bandli f'Xatt il-Palm jinqala' u ssir tabella. Il-Kumitat qabel li jsir skont kif ingħata l-parir.

2.2. Infurmat li saret il-laqgħa mal-Ministru Pullicino nhar it-3 ta' Frar fl-uffiċċju tiegħu fil-Furjana. Il-Ministru esprima li jixtieq li possibbilment il-Kunsill jinvolvi ruħu wkoll b'mod finanzjarju fil-pjazza iżda xorta waħda, bħala Ministeru, kien se jieħu ħsieb kollox hu anki jekk il-Kunsill ma joħroġ xejn. B'riżultat ta' din il-laqgħa ntbagħat id-Direttur ta' CSD, is-Sur Charles Zammit, f'BIĊ filwaqt li naddfu żewġ trakkijiet skart mill-bajja sal-*caravan site*. Is-Sur Zammit infurmaha li se jibgħat lil tal-*Valley Management* biex inaddfu Triq id-Dwieli.

2.3. Sadanittant il-Kumitat iddiskuta l-proposta tal-Perit tal-Gvern li fil-proġett tal-Pjazza ma jkunx inkluż parkeġġ. Peress li, kif ikkonfermat is-Sinj. E. Muscat, filgħaxijiet fl-inħawi jkun hemm ħafna spazju ta' parkeġġ vojt, il-Kumitat unanimament qabel li l-proġett ma jkunx jinkludi l-parkeġġ.

2.4. Minħabba li waqt il-laqgħa mal-Ministru kienu diskussi bżonnijiet infrastrutturali fin-naħa tal-bajjiet, kif ukoll ilmenti minn siti abbandunati, kien hemm qbil li tintalab laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dott. Mario Demarco.

**3. TABELLI KONTRA L-ĦMIEĠ TAL-KLIEB**

3.1. Il-Kumitat qabel li jordna żewġ tabelli kontra l-ħmieġ tal-klieb biex jitwaħħlu waħda f'kull daħla. Dawn għandhom jitwaħħlu fl-għoli u li jkunu jinkludu wkoll li ma jistgħux jidħlu żwiemel.

**4. IL-PROPOSTI GĦALL-UŻU TAL-*CARAVAN SITE***

4.1. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sindku ħalli l-Kumitat ikun jaf xi ħsibijiet hemm mill-Kunsill għal dan is-sit. Dan peress li l-Kunsill jixtieq japplika għad-devoluzzjoni ta' din l-art.

4.2. Sadanittant il-Kumitat qabel li jitlob li mid-dħul li qed jagħmel id-Dipartiment tal-Artijiet għall-użu tal-*caravan site* il-Kumitat jingħata porzjon adegwat.

**5. INSTALLAZZJONI TA' DWAL ĠODDA**

5.1. Is-SE informa li bħala stima, bozza fuq ħajt tiswa €226 u bozza fuq arblu eżistenti tiswa €280.

5.2. Il-Kumitat qabel li jibda l-proċess biex titwaħħal bozza fuq arblu fi Triq Qalet Marku, Triq Baħar iċ-Ċagħaq u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

5.3. Sadanittant sar rapport li hemm bozza maqtugħa fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq kantuniera ma' Triq il-Wirt Naturali.

**6. L-OFFERTI GĦALL-KISI TAT-TOROQ**

6.1. Il-Kumitat qabel li mill-offerti sottomessi, għandu jagħżel ta' Philip Agius and Sons Ltd minħabba li kien l-irħas filwaqt li dan il-kuntrattur ġieli ħadem ukoll għall-Kunsill u ma kienx hemm problemi.

**7. L-ISKEMA TAL-ATTIVITAJIET SPORTIVI**

7.1. Is-SE spjega li, minkejja li l-Kumitat kien infurmat min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li bħala Kumitat seta' japplika għall-fondi b'mod separat mill-Kunsill, jidher li l-KMS ma kienx involut u għalhekk dawn infurmawh li huma mhux se jawtorizzaw aktar minn €4000 għal kull lokalità (inklużi bil-Kumitati Amministrattivi).

7.2. Is-SE kompla li kien kostrett isib soluzzjoni aċċettabbli għall-Kunsill u għall-Kumitat u għalhekk kien hemm qbil li uffiċjalment il-qasma ssir 80:20 bejn il-Kunsill u l-Kumitat.

7.3. Il-Kumitat talab lis-SE biex jikkonferma mal-KMS bil-miktub jekk il-Kumitat jistax iqabbad *instructors* hu u li ma jkunux l-istess tal-KMS.

7.4. Il-Kumitat qabel ukoll li jorganizza sessjonijiet taż-Zumba. Maria Vella infurmat li kienet ikkuntattjat persuna li tgħallem iż-Zumba u għalhekk talbet lis-SE biex jikkonferma ma' din l-*instructor*.

7.5. Kienu diskussi wkoll is-sessjonijiet l-oħra tal-isports fejn kien hemm qbil li possibbilment jibdew fl-14 ta' Marzu. Possibbilment is-sessjonijiet ta' filgħodu jsiru fl-10am filwaqt li ta' filgħaxija fit-8pm.

**8. ĠIMGĦA TAL-INNOVITÀ**

8.1. Is-Sur Woods informa li qed jippjana ġimgħa ta' attivitajiet ta' innovità biex possibbilment isiru f'Ġunju. Huwa se jibgħat aktar dettalji lis-SE.

**9. KORSIJIET TAL-KOMPJUTER**

9.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li beda l-proċess tal-installazzjoni tal-kompjuters fis-sala biex il-korsijiet ikunu jistgħu jibdew. Infatti hemm konkorrenza biżżejjed li tidher inkoraġġanti ħafna.

**10. POST FEJN IĦAMMĠU L-KLIEB**

10.1. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li l-Kumitat jikkunsidra li jistabilixxi żona speċifikament fejn iħammġu l-klieb, silimi għal dik li hemm B'Kara ħdejn il-kulleġġ San Alwiġi.

10.2. Il-Kumitat però qabel li jħalli dan is-suġġett pendenti għall-konsiderazzjoni futura.

10.3. Sadanittant kien rappurtat li l-bins tal-ħmieġ tal-klieb kienu mimlijin.

10.4. Dwar il-knis il-Kumitat tkellem b'mod pożittiv ħafna dwar l-andament tal-kuntratt minn meta għadda f'idejn il-kuntrattur il-ġdid.

**11. LAQGĦA/KOMUNIKAZZJONI MAR-RESIDENTI**

11.1. Kien hemm qbil li l-aħjar mezz ta' komunikazzjoni mar-residenti huwa żjarat għand ir-residenti fejn ikunu diskussi suġġerimenti u l-andament tax-xogħol tal-Kumitat.

11.2. Il-Kumitat qabel għalhekk li jipprepara ittri b'żewġ lingwi (350 kopja) dwar dawn il-laqgħat li iżda jkun hemm post fejn jinkitbu d-data u l-ħin taż-żjara biex jitqassmu lir-residenti qabel ma jsiru ż-żjarat.

11.3. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir formola b'dettalji ta' informazzjoni li jkun hemm bżonn biex il-Kumitat ikun jaf aktar x'għandu fiż-żona tiegħu. Ma' din ikun hemm ukoll sejħa għall-voluntieri.

**12. LIBRERIJA**

12.1. Kien suġġerit li għandha ssir librerija fiċ-Ċentru Pastorali. Madanakollu, dan is-suġġeriment għandu jibda jkun diskuss fid-dettall meta jkun hemm grupp ta' voluntieri impenjati li lesti li joffru s-servizz ta' librara. Dan possibbilment joħroġ miż-żjarat li se jsiru mill-Kunsillieri lir-residenti.

**13. ILMENTI**

13.1. Kien mitlub biex għal-laqgħa li jmiss issir lista tal-ilmenti dwar BIĊ.

13.2. Dwar il-van ta' Maltapost (*mobile post office*) kien hemm qbil li ssir talba biex ma jibqax joqgħod fejn qed ipoġġi fil-preżent u minflok joqgħod fil-parkeġġ ħalli jkun jidher aktar.

13.3. Il-Kumitat talab li ssir insistenza mal-MEPA fuq l-art abbandunata fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi filwaqt li jinfurmahom li aktarx li s-sid huwa wieħed magħruf bħala Bertu l-wheeler.

**14. ĦWEJJEĠ OĦRA**

14.1. Kien suġġerit li kull meta jkun hemm attività mill-Kunsill għandhom jgħaddu kopja tal-posters lill-Kumitat u biex possibbilment ikun hemm nota fuq it-trasport filwaqt li meta jkun hemm involut it-trasport għandu jkun hemm *pickup point* minn BIĊ ukoll.

14.2. Il-Kumitat qabel li fit-2 ta' Marzu issir taħdita minn Dott. Josianne Calleja dwar is-saħħa. Din issir fiċ-Ċentru Pastorali fl-10:30am.

14.3. Il-Kunsillier Bonello informa li xtaq li jieħu ħsieb attività ta' ġbir ta' fondi għal *Puttinu Cares*. Is-SE informa li dwar attivitajiet wieħed kellu jikteb lill-Kunsill minħabba l-bżonn ta' permessi.

**15. TMIEM IL-LAQGĦA**

15.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu fil-5:30pm.

15.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv